# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 5 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 12/12RGM

Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**John D u permezz tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2015 Dr Patrick Valentino u l-PL Luisa Tufigno giew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi ir-rikorrent u l-intimata C D precedentement kienu f'relazzjoni adultera li ormai intemmet u mill-liema relazzjoni twieldet gewwa l-Msida tifla bl-isem ta' Maha u dan fl-10 ta' Ottubru 2008.

Illi fid-data ta' twelid tal-minuri suriferita, l-intimata C D kienet ufficjalment mizzewga lill-intimat John D u ghalhekk l-istess minuri giet registrata bhala wild tal-intimat John D u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

Illi in realta r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri suriferita u mhux 1-intimat John D dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Prevja l-hatra ta' esperti medici, tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri Maha li twieldet mill-intimata gewwa Msida fl-10 ta' Ottubru 2008;

2. Tordna konsegwentement sabiex issiru l-korrezzjonijiet relattivi fl-atti tal-istat civili tal-istess minuri, partikolarment fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier' jitnehha l-isem John D u minflok jigu inseriti d-dettalji tar-rikorrent;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri numru bl-intimati minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur u ordnat korrezzjoni fl-ewwel talba fis-sens li l-isem 'Naomi' jigi sostitwit bl-isem 'Maha' u l-kelma 'Pieta' tigi sostitwita bil-kelma 'Msida' u l-kliem '30 ta' Lulju, 2007' jigu sostitiwiti bil-kliem '10 t'Ottubru, 2008'.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar 2015 fejn l-attur iddikjara illi ma kienx f'posizzjoni li jressaq il-prova xjentifika tad-DNA "peress illi l-konvenuta C D ghada tirrisjedi barra minn Malta mal-minuri u l-attur la ghandu komunikazzjoni maghha u lanqas jaf f'liema pajjiz tirrisjedi."

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta prezentata fit-22 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri fl-eventwalita' li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni fuq il-kaz.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Fuq dikjarazzjoni tal-attur jirrizulta illi la l-konvenuta omm u lanqas il-minuri ma jirrisjedu hawn Malta. Dan l-istat ta' fatt dikjarat mill-attur stess jinnecessita trattazzjoni ta' aspett prettament procedurali li l-Qorti thoss li ghandha, anzi hija fid-dover, illi titratta.

**Il-Qorti Maltija m'ghandhiex Gurisdizzjoni**.

Jidher, almenu prima facie, illi l-konvenuta u l-minuri telqu minn Malta b'mod permanenti u li wisq probabbli stabbilew ir-residenza ordinarja taghhom fl-esteru. Dan iwassal lill-Qorti tissolleva *ex officio* l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta'

gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' kawza kontra persuna illi ma tinstabx hawn Malta.

**Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jipprovdi illi:-

*(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*

*(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall- ġurisdizzjoni tal-qorti."*

Applikati l-fatti tal-kawza odjerna ghall-provvediment appena citat iwaslu lill-Qorti tikkonkludi illi l-assenza tal-konvenuta u tal-minuri minn dawn il-Gzejjer hija wahda permanenti bil-konsegwenza li stabbilew id-domicilju taghhom f'pajjiz esteru. Dan jirrendi lill-Qrati Maltin nieqsa mill-gurisdizzjoni illi jisimghu il-kawza.

**Artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi:

*"Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha - (a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929;……."*

Stabbilit illi l-kawza odjerna ma hiex ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, il-Qorti qed tissolleva l-eccezzjoni ta' inkompetenza ai termini tal-Artikolu 774 tal-Kap. 12. u tiddikjara ruhha inkompetenti li tisma' l-kawza stante li m'ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-konvenuta u fuq il-minuri.

Sussidjarjament il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjoni;

**Nuqqas tal-Attur li Jottjeni l-Permess 'A Procedere".**

L-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

*"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż- żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B:……."*

Jirrizulta illi meta twieled il-minuri, l-omm kienet mizzewga lill-konvenut John D. Jirrizulta wkoll illi l-minuri twieldet fl-10 ta' Ottubru 2008 filwaqt li l-kawza giet intavolata fit-13 ta' Jannar 2012. Fil-jum tat-twelid l-omm kienet mizzewga lil John D. Huwa gie registrat bhala l-missier, qua r-ragel tal-omm, u mhux ghaliex mar jirregistra ruhu bhala l-missier tat-tarbija. Tenut kont li ghaddew ferm aktar minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija qabel ma l-attur iddecieda li jistitwixxa kawza ta' filjazzjoni, l-attur kien tenut illi qabel jipprocedi jottjeni l-permess tal-Qorti sabiex jistitwixxi l-kawza odjerna. Mill-atti ma jirrizultax li l-attur talab dan il-permess izda jidher li istitwixxa mill-ewwel il-kawza.

L-attur seta' jistitwixxi l-kawza odjerna minghajr qabel ma jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kieku intavola l-kawza sa mhux aktar tard mill-10 ta'

April 2009. Huwa intavola l-kawza odjerna fit-13 ta' Jannar 2012, meta t-tifla kellha aktar minn tlett snin.

In-nuqqas tal-attur li jottempera ruhu mal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 qabel istitwixxa l-kawza odjerna jirrendi r-rikors irritu u null.

**L-Attur naqas milli Jressaq l-Ahjar Prova**.

Dato ma non concesso illi l-azzjoni hija ritwali, u dato ma non concesso li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawza, it-talbiet attrici jfallu wkoll ghar-ragunijiet segwenti.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 77A tal-Kap 16** li jipprovdi illi :-

"**77A.** *Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel. Talba tista' tiġi eżerċitata wkoll mill-mara."*

Jirrizulta illi l-artikolu appena citat gie introdott fil-Kodici Civili bl-Att XXIII tas-sena 2010 fejn gie rikonoxxut il-valur probatorju tat-testijiet xjentifici. Fl-ewwel talba tieghu l-attur qed jitlob illi jigi dikjarat missier tal-minuri "Prevja l-hatra ta' esperti medici". L-assenza permanenti tal-minuri minn dawn il-Gzejjer eliminat il-possibilta' li jsir it-test tad-DNA f'Malta sabiex jigi kkumparat id-DNA tal-attur u tal-minuri. Huwa minnu illi hemm ix-xhieda tal-attur li fiz-zmien li giet koncepita l-minuri huwa kien qed jirrisjedi mal-konvenuta bhala koppja u li kien hemm relazzjonijiet intimi frekwenti bejniethom. Xehdu wkoll Axiat Allah Al-Mustapha Bittar u Sakhouri Tarek illi kkonfermaw illi l-attur u l-konvenuta kienu ghamlu zmien jghixu flimkien u kien f'dak iz-zmien li kellhom lill-minuri. It-tnejn jaqblu illi l-konvenuta osfrot bit-tarbija taghha.

Hemm ukoll id-dikjarazzjoni maghmula minn John D fis-27 ta' Settembru 2011 quddiem in-Nutar Dottor Joseph Debono fejn iddikjara illi iz-zwieg tieghu mal-konvenuta qatt ma gie kkunsmat. Fuq l-istess att l-attur ghamel dikjarazzjoni li kien qed jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu.

Fir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. L-attur jammetti illi ghalkemm huwa kien jaf li l-minuri hija bintu u mhux bint il-konvenut John D huwa dam ghal tlett snin qabel ma hassi passi. "Ghalina dan il-fatt kien wiehed sekondarju ghaliex konna nafu illi dan kien necessarju sabiex Saoumia tkun tista' tibqa' hawn Malta bla xkiel". Ex admissis l-attur jirrikonoxxi illi qabel il-konvenuta osfrot bil-minuri minn dawn il-Gzejjer huwa kellu kull opportunita' illi jistitwixxi l-kawza entro' s-sitt xhur mit-twelid izda ma hax tali azzjoni peress li sew hu kif ukoll il-konvenuta kkonsidraw illi tali azzjoni kienet iddghajjef il-permanenza tal-konvenuta f'dawn il-Gzejjer.

Il-fatt li l-attur naqas fiz-zmien opportun milli jiehu l-passi necessarji sabiex skont dak minnu allegat jirregolarizza l-posizzjoni tal-minuri meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet sana, timmilita kontra t-talba tal-attur li l-Qorti tiddikjara li l-minuri hija bintu fl-assenza tal-prova tad-DNA.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex fl-assenza tal-aqwa prova xjentifika l-Qorti tiddikjara li l-minuri hija bint l-attur u mhux bint il-konvenut D. Dan qed jinghad ghaliex tali dikjarazzjoni gudizzjarja dwar denegata paternita' u filjazzjoni tbiddel radikalment l-istatus civili ta' persuna liema decizzjoni ghandha f'kull cirkostanza tittiehed b'kawtela kbira u wara li l-Qorti tkun konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-premessi attrici huma sodisfacentement ippruvati. Fil-fehma tal-Qorti it-testimonjanza tal-attur u tax-xhieda minnu prodotta ma jwasslux ghal-livell ta' prova rikjesta f'kawza fejn qed jintalab li ir-ragel tal-omm dikjarat fuq l-att tat-twelid bhala l-missier tat-tarbija jigi kancellat minn fuq isem ic-certifikat ta' bintha u minflok jitnizzel isem l-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara illi l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawza u ghalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**